**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT DOTTOR SIMONE GRECH LL.D.**

**SEDUTA NAXXAR**

**Il-Pulizija**

**vs**

**Godfrey Bonnici**

**Illum, 2 ta' Settembru, 2020**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet magħmula fir-rigward ta' Godfrey Bonnici, detentur tal-karta tal-identità numru 382367M, li permezz tagħhom ġie akkużat li:

*...nhar is-27/3/2018 għal habta ta' 9.15am ġewwa Bonnici Stores, fi Triq Burmarrad, limiti ta' Naxxar*

1. *Ħebbejt għal David Bonnici sabiex tinġurjah, iddejqu jew tagħmillu ħsara b'xi mod;*
2. *Insulentajt, heddidt jew inġurjajt bi kliem jew b'mod ieħor lil David Bonnici;*
3. *Għamilt reat ieħor wara li kont ġejt ikkundannat għal reat, b'sentenza datata 23/5/2016 maħruġa mill-Maġistrat Dr. Donatella Frendo Dimech LLD, liema sentenza saret definittiva, b'hekk ġibt ruħek recidiv;*

4. *U aktar talli nqast li tosserva jew ksirt xi waħda jew aktar mill-kondizzjonijiet imposti fuqek minn ordni ta' protezzjoni, liema ordni nħarġet b'sentenza definittiva datata 23/5/2016, maħruġa mill-Onor. Donatella Frendo Dimceh LL.D, fejn il-Qorti kienet ipprovdiet għas-sigurtà ta' David Bonnici għal perijodu ta' tliet snin, u dan bi ksur tal-artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*Il-Qorti hija ġentilment mitluba li f'każ ta' ħtija, minbarra li tinfliġġi l-pieni stabbiliti mil-liġi, tordna lill-imsemmija persuna sabiex tħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti, jekk ikun il-każ, kif provdut fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.*

Rat li din il-kawża ġiet assenjata lil din il-Qorti hekk kif ippreseduta.

Rat id-dokumenti eżebiti.

Semgħet il-provi prodotti.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

**Ikkunsidrat:**

Din il-Qorti ħadet in konsiderazzjoni, ix-xhieda kollha mogħtija f'din il-kawża, u x'ħin fliet bil-galbu l-*footage* eżebit dwar dan l-inċident, tqis li hija l-verżjoni mogħtija mill-parti leża li tikkombaċa ma' dak li jidher fl-istess *footage*. Mill-*footage* eżebit, jidher li Godfrey Bonnici daħal fil-forklifter u beda jċaqlaq l-oggetti li kien hemm mal-art. Il-mod kif dawn kienu qed jiċċaqilqu minn fejn kienu, ma kien xejn wieħed ta' galbu u prudenza, hekk kif xehed l-imputat. In vista ta' dan l-aġir, u biex tiġi evitata ħsara lil dawn l-oġġetti, David Bonnici resaq lejn il-forklifter u ttenta jieħu ċ-ċwievet tal-istess forklifter. F'dan il-mument, waqt li kien fil-forklifter, jidher li l-imputat ħebb għal David Bonnici u dawwarlu idu ma' għonqu, in linea mal-verżjoni mogħtija minn David Bonnici. David Bonnici safrattant, laħaq ħa ċ-ċwievet mill-*ignition* tal-forklifter u telaq immedjatament 'il bogħod mill-imputat. Din il-Qorti ma taqbilx mas-sottomissjoni magħmula mid-difiża, fis-sens li kien David Bonnici li tar għal fuq l-imputat li kien qed isuq. David Bonnici pprova jneħħi ċ-ċavetta, u meta rnexxielu jagħmel dan, immedjatament telaq 'il bogħod. Kien l-imputat li ħebb għal David Bonnici u mhux viċe versa.

Minn dak li semgħet u rat din il-Qorti, l-ewwel imputazzjoni ġiet sodisfaċentement ippruvat.

Fir-rigward tat-tieni imputazzjoni, mix-xhieda ta' Stephen Bonnici, kif ukoll mix-xhieda ta' David Bonnici, jirriżulta li l-imputat insulenta lil David Bonnici. Għalhekk, din l-imputazzjoni tirriżulta wkoll ippruvata.

Dwar it-tielet u r-raba' imputazzjonijiet, din il-Qorti tqis li dawn ġew ippruvati. Il-Qorti rat Dok AB 1, li huwa vera kopja tas-sentenza mogħtija li minnha jirriżulta li kien inħareġ ordni ta' protezzjoni ai termini tal-artikolu 412C tal-Kap 9, għal tliet (3) snin. Stante li s-sentenza ngħatat fit-23 ta' Mejju 2016, dakinhar li seħħ ir-reat li qed jiġi deċiż minn din il-Qorti, din l-ordni ta' protezzjoni kienet għadha viġenti. Id-difiza nsistiet li l-ordni ta' protezzjoni ma ġietx ippreżentata, u li sempliċiment ġiet ippreżentata s-sentenza li fih hemm imniżżel li nħarġet ordni ta' protezzjoni għal tliet (3) snin. Din il-Qorti tqis li minn qari tal-artikolu 412C, il-liġi ma tniżżilx b'mod espress li din l-ordni għandha tiġi mniżżla f'xi forma partikolari. Jirriżulta minn qari tas-sentenza, li l-imputat kien instab ħati li weġġa' b'mod ħafif lil David Bonnici, u in vista ta' dan, inħareġ ordni ta' protezzjoni ai termini tal-artikolu 412C għal żmien tliet (3) snin. Għall-Qorti, dak li ġie ppreżentat huwa prova biżżejjed u suffiċjenti, biex issib ħtija fl-imputat fir-rigward tar-raba' imputazzjoni.

In kwantu għal piena, din il-Qorti ħadet in konsiderazzjoni l-liġi kif kienet dak iż-żmien li seħħ l-inċident għal dak li għandu x'jaqsam mar-raba' imputazzjoni.

**Deċide**

Għar-raġunijiet fuq premessi, din il-Qorti, wara li rat l-artikoli 412C, 339(1)(d), 339(1) ( e), 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta, qed issib lil Godfrey Bonnici ħati tal-imputazzjonijiet kollha mressqa fil-konfront tiegħu, u qed tikkundannah għal ħlas ta' multa ta' elfejn u tliet mija u disgħa u għoxrin Ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37). Qed tordna l-ħruġ ta' ordni ta' protezzjoni fil-konfront ta' David Bonnici ai termini tal-artikolu 412C għal żmien sena mil-lum ai termini tal-kundizzjonijiet mniżżla fid-digriet mogħti llum stess, u li għandu jifforma parti minn din is-sentenza.

Maġistrat Simone Grech

Janet Calleja
Deputat Registratur